MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1491/2003

**Randolph Camilleri Surveys Limited**

**vs**

**Ignatius Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Lulju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm230.00) dovuta in konnessjoni ma' xogholijiet ta' "land surveying" u xoghol iehor relatat, u dan skond kif jidher minn fattura datata wiehed u tletin (31) ta' Dicembru, 2001, kopja annessa mal-avviz u mmarkata bhala Dok.A;**
**Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra interpellatorja datata sbatax (17) ta' Lulju, 2003, kopja annessa mal-avviz u mmarkata Dok.B, u bl-imghaxijiet mid-data tal-hrug tal-fattura hawn qabel indikata sad-data tal-pagament**

**effettiv, ilkoll kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont huwa dovut kif intqal fl-avviz. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm230.00) bl-imghax legali mill-31 ta' Dicembru, 2001 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata sbatax (17) ta' Lulju, 2003, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------